**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Diċembru 2009 — Giannopoulos vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-436/07 P)** [1]

*(Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Reklutaġġ — Klassifikazzjoni fi grad — Talba għal reviżjoni tal-klassifikazzjoni — Artikolu 31(2) tar-Regolamenti tal-Persunal)*

(2010/C 37/44)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Nikos Giannopoulos (Wezembeek-Oppem, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues u C. Bernard-Glanz, avukati)

*Parti oħra fil-proċeduri:* Il-Kunsill tal-Unjoni Europea (rappreżentanti: M. Bauer u I. Šulce, aġenti)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla), tal-20 ta' Settembru 2007, Giannopoulos vs Il-Kunsill, (F-111/06, li għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġabra), intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Nikos Giannopoulos u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom fil-kuntest ta' din l-istanza.*

[1] ĠU C 22, 26.1.2008.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2009 — Notartel vs UASI — SAT.1 (R.U.N.)**

**(Kawża T-490/07)** [1]

*("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali R.U.N. — Trade marks Komunitarji u nazzjonali verbali preċedenti ran — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 73 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009) — Rifjut parzjali ta' reġistrazzjoni")*

(2010/C 37/45)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Notartel SpA — Società informatica del Notariato (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: M. Bosshard u M. Balestriero, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Sempio, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* SAT.1 SatellitenFernsehen GmbH (Berlin, il-Ġermanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-22 ta' Ottubru 2007 (Każ R 1267/2006-4) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn SAT.1 SatellitenFernsehen Gmbh u Notartel SpA — Società informatica del Notariato.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Notartel SpA — Società informatica del Notariato hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 64, 8.3.2008.